## Mons Ġ. De Piro

*Is-17 ta' Settembru għalina l-membri tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, hija data għażiża għalina. Għax fiha dejjem niftakru meta l-Qaddej t'Alla Mons. Ġużeppi De Piro mar jieħu l-premju li kien ħaqqu mingħand il-Missier Ħanin li hu tant kien iħobb.*


Mument waqt il-quddiesa tal-funeral li sar fid-Dar ta' S. Ġużepp, immexxija minn Mons P. Galea, Vigarju Ġenerali

Fil-ġranet ta' wara, l-gazzetti kollha ħabbru b'ittri kbar din it-telfa.Hawn ser inġibu dak li qalet **il-Malta Missjunarja**, Awwissu/Settembru 1933

**Wara l-mewt ta' Mons Ġ. De Piro: Appostlu tal-Missjoni**

"Bil-Mewt kiefra tal-maħbub tagħna Mons. De Piro tlifna lil dak li aktar minn ħaddieħor kellu għal qalbu l-missjoni. Huwa kien li waqqaf ġewwa Malta l-aqwa opra tal-missjoni. Hafna kienu l-opri li kellu f'idejh u kollha kien iħabrek għalihom, iżda fuq kollox kien iħobb l-Istitut ta' San Pawl għall-Missjoni, li huwa waqqaf 23 sena ilu.... Huwa fehem ukoll qabel ħafna oħrajn li Malta hi ġamra waħda ta' mħabba għall-missjoni. Huwa fehem li Malta hi tassew missjunarja."

## Kotba għal-librerija

Settembru jġib miegħu l-bidu tas-sena skolastika. Dan jgħodd ukoll għall-istudenti tagħna. Kważi kull min imur l-iskola jaf li ta' kull sena jkun irid jixtri kotba ġodda. Għall-istudenti tagħna, barra t-text books, nixtrulhom kotba oħra bħala għajnuna fil-formazzjoni tagħhom.

**Tixtieq tgħin ħalli nkomplu nixtru kotba għal-librerija tal-istudenti?**

Tista' tagħmel dan billi tagħti donazzjoni ta' €117 darba biss. Din is-somma npoġġuha l-bank u bl-imgħax ta' kull sena nixtru l-kotba. Ma' kull ktieb li jinxtara titwaħħal tikketta b'ismek u b'talba għalik. B'hekk flusek jibqgħu jagħmlu l-ġid ukoll wara mewtek.

Il-formola li nibagħtu lil min isir fundatur tal-Librerija.







# Aħna lilkom
HOLQA BEJN IL-ĦBIEB

Settembru 2011 / Għadd 461 | Editur: Fr Norbert Bonavia MSSP


## X'jaf jagħmel il-volontarjat u l-ġenerożità tal-Maltin

*Verament li l-volontarjat u l-ġenerożità tal-Maltin għadhom b'saħħithom. Dan deher ċar fid-disa' edizzjoni tal-maratona ta' 60 siegħa xandir OĦLOQ TBISSIMA ta' din is-sena.*

Kemm kien hemm preżentaturi, żeffiena, kantanti u oħrajn! Dawn kollha ġew bi ħġarhom u b'ġenerożità kbira, biex jagħtu gost lil kull min ġie fid-Dar ta' San Ġużepp u anke lit-telespettaturi li segwew minn darhom fuq l-istazzjonijiet kollha.

Il-features u l-filmati mill-Perù, il-Pakistan u l-Filippini taw idea għalxiex qed niġbru.

Fil-Filippini, spikka x-xogħol tal-missjunarji li jsir mat-tfal u żgħażagħ f'edukazzjoni skolastika. Rajna wkoll kif il-familji jgawdu mill-flus għax setgħu jkollhom uċuħ tar-raba' aħjar, u jrabbu l-annimali sew.

Fil-Perù, filwaqt li rajna l-bżonnijiet li għandu Fr Cortis biex imexxi l-orfanatrofju fl-Aldea, fejn hemm mas-60 tifel u tifla bi bżonnijiet speċjali, rajna wkoll lil diversi patrijiet oħra jagħmlu minn kollox biex jgħinu lill-batut; bil-mediċini, bl-ikel u b'kull xorta ta' bżonnijiet oħra. Mill-Perù kellna ċ-ċans nisimgħu l-esperjenza ta' Maris, missjunarja lajka Maltija, li ilha taħdem hemm għal 9 snin.

Fil-Pakistan, il-patrijiet qed jgħinu u jgħallmu tfal musulmani u insara fi skola kbira. Il-proġett li bil-flus ta' din il-maratona jixtiequ jagħmlu huwa li jkabbru l-iskola ħalli dawk it-tfajliet li qed jibqgħu d-dar ma' ħuthom iż-żgħar għax il-ġenituri jaħdmu, ikollhom huma wkoll fejn jitgħallmu, u jġibu 'l ħuthom iż-żgħar ukoll.

Il-flus li nġabru ser jitqassmu wkoll lid-direttur tad-Dar ta' San Ġużepp biex ikun jista' jwettaq il-proġett tal-independent living, għaż-żgħażagħ li ma jkollhomx fejn imorru wara li jagħlqu t-tmivi kbira lil Fr Louis Mallia mssp, lit-tim tiegħu, u l-kwantità ta' voluntieri li ġew biex jgħinu.

Fuq kollox, grazzi kbira tmur lill-poplu Malti u Għawdxi li għal darba oħra wera li jinteressa ruħu fil-ħidma tal-membri tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl.

Marthese Brincat
Ass. Direttur taċ-ĊPI


Il-voluntiri qabel ma' bdiet il-maratona



Sant'Agata, Rabat, Malta, Tel: 2145 4503 / Stella Maris, Żebbuġ, Gozo, Tel: 2155 1159

# Jiktbilna Fr Kola mill-Perù



Joseph Mercieca

## Teodocju

Fil-ħajja nemmnu li jeżistu l-mirakli, imma li tara wieħed quddiem għajnejk hi ħaġ'oħra. Madwar xahar u nofs ilu ġie raġel għami jitlobni bil-ħniena ngħinu ħalli jmur il-Bolivja għax qalli li kellu jasal tim ta' tobba minn Kuba, mill-Venezwela u l-Kolombja u kienu qed joperaw fuq persuni b'ċertu tip ta' għama u li kienu qed isiru jaraw. Qalli li l-assoċjazzjoni tal-għomja hawn f'Arequipa qalulu li kellu ċans, imma kellu jħallas il-passaġġ u fejn joqgħod. Teodocju kien xufier, kellu inċident serju li b'miraklu baqa' ħaj. Imma tilef id-dawl t'għajnejh. Ilu għama madwar 15-il sena. Talabni bil-ħniena biex imur u jittanta xortih.

Emmnuni, tkun bejn in-nar u l-ilma, ma tkunx taf jekk hux qed iqarraq bik. Fil-flus kont imsallab u li kellu bżonn ma kienx ftit. Imma fl-aħħar tagħmel att ta' fidi fil-providenza t'Alla u ddaħħal idek fil-but, tgħin kemm hemm bżonn, tbierku u tinsa l-ġid li tkun għamilt. Iddeċidejt li ngħinu, għintu u telaq. Is-Sibt li għadda, f'xi d-9.00am, avżawni li kien hemm wieħed li kien għama u ried ikellimni.

Mort flimkien ma Joseph Mercieca (missjunarju lajk) u kif rani ġie fuqi kollu ferħan u jgħajat, "Padre Nicholas, ġejt ngħidlek grazzi minn qalbi; ara issa qed nara", u waqt li dar fuq Joseph li kien liebes T-shirt abjad u iswed u waqt li beda jipponta b'subajgħ beda jgħid, **"Ara padre, faxx abjad. Faxx iswed, faxx abjad u faxx iswed"**. Dak il-ħin ħassejt ferħ li ma nistax infissru u ftakart f'Ġesù meta kien jagħti d-dawl lill-għomja. Fil-fatt, lil Teodocju poġġewlu f'kull għajn lenti artifiċjali. Ikun imbierek Alla.



Faxx abjad, faxx iswed, faxx abjad, faxx iswed...

## Maria Rosa

Kien il-Ħadd wara l-quddiesa tas-7.00pm. Ġiet fuqi mara b'tarbija fuq dirgħajha, li xtaqet tkellimni. Dħalt magħha fis-sakristija u waqt li t-tarbija bdiet tibki, l-omm li jisimha Marija Rosa, bdiet tibki wkoll. Qaltli, "Padre ġejt hawn biex issibli fejn ngħaddi l-lejl. Tlaqt mid-dar deċiża li ma nerġax nirritorna iżjed. Hawn ara t-tarbija bil-ġuħ imma m'għandix misħun. Għaddejja minn żmien diffiċli u ma nixtieqx nerġa' lura ma' żewġi."

Kif kont bl-ilbies tal-quddiesa, qbadt it-tarbija li jisimha Santiago u mort biha fil-kċina, b'Maria Rosa warajja. Hemm sibt lil Joseph Mercieca (missjunarju lajk) li baqa' skantat jarani b'dik it-tarbija. Spjegajtlu x'kien ġara u sadanittant Maria Rosa ppreparat il-flixkun bil-ħalib. Joseph, missier ta' tnejn, malajr ħa l-inizjattiva u qalli, "Agħtihuli lil Santiago ħa nisqih jiena". U Joseph tana l-ikbar eżempju sabiħ ta' missier li kapaċi jrabbi u jattendi 'l uliedu sal-inqas dettall. Sadanittant tkellimt ma' Maria Rosa u qaltli li tbati bit-*thyroid* u ma kellha saħħa ta' xejn. Għalhekk ma baqgħetx tredda' lil binha u kellha tixtrilu l-ħalib tat-trabi.

Minn dak li qaltli ndunajt li r-raġel kien għaddej mill-problema ta' dippressjoni . Ikkonvinċejtha terġa' lura u stedintha biex l-għada tirritorna l-parroċċa għat-terapija mal-psikologa tagħna. Għalhekk fil-11.00pm tlabt lill-*watchman* Richard jeħodha d-dar għax kienet toqgħod 'il-bogħod u meta waslet sabet lir-raġel jistennieha inkwetat u laqagħha bil-ferħ.

*Għeżież Benefatturi, dan kollu nista' nagħmlu bl-għajnuna tat-talb u l-ġenerożità tagħkom.*

# Mons De Piro: patrijott, jaħdem għall-Paċi u jħobb il-fqir



Medjatur fis-Sette Giugno 1919

*Fil-qalb ta' kull Malti hemm tbaqbaq l-imħabba lejn art twelidu. Dan ma kienx nieqes fil-Qaddej t'Alla Mons De Piro.*

Biżżejjed niftakru li hu kien wieħed mill-erba' Monsinjuri li ħadu sehem fl-ewwel Assemblea Nazzjonali. U meta nqala' l-inkwiet tas-Sette Giugno 1919, mill-193 membru preżenti fil-laqgħa, sitta biss offrew li jintervjenu fuq in-naħa tal-Maltin. Fosthom kien hemm Mons. De Piro. U għal tlett ijiem sħaħ, ġera mat-toroq tal-Belt, biex jakkwista almenu xi ftit mid-drittijiet mitlufa u jipprova jġib il-paċi li tant kienet mixtieqa.

Wara dan l-inkwiet reġa' tfaċċa saram ieħor - l-inkwiet bejn Strickland u l-Knisja. Hawn ukoll insibu lil Mons. De Piro. Għax wara ħafna laqgħat ta' medjazzjoni hu kiseb il-paċi bejn iż-żewġ naħat. Vera partijott! Infatti, nerġgħu nsibuh membru fis-Senat fit-Tielet Parlament Malti, mibgħut mill-Arċisqof.

Anke fil-kamp reliġjuż, Mons. De Piro kien strument ta' paċi. Meta fil-parroċċa tal-Qrendi nqala' xi diżgwid bejn il-fratellanzi, l-Arċisqof bagħtu bħala Vigarju sakemm irnexxielu jgħaqqad iż-żewġ naħat.

Meta miet Mons. De Piro kulħadd qal kelma waħda: Malta tilfet benefattur. Ma tridx wisq biex tifhem dan. Għax il-fqir għalih kien jiġi l-ewwel. Biżżejjed insemmu xi fatt: meta kien għadu jistudja Ruma, hu ġie offrut li jmur jistudja fl-Accademia dei Nobili, imma huwa għażel li, la jiġi Malta jmur jaħdem fid-Dar ta S. Ġużepp. U minn Ruma wkoll, waqt li kien għadu student, mill-ftit li kien ikollu kien jibgħat donazzjoni lid-Dar ta' S. Ġużepp. Ma hemmx wisq fiex titfixkel, jekk kienx iħobb il-fqir jew le! Biżżejjed tiftakar li kien direttur ta' 6 istituti tat-tfal fqar u ltiema. Dan kien jagħmlu bla ħlas. Anzi kien joħroġ hu stess. Barra dawn l-istituti, ħaseb biex iwaqqaf ieħor għat-trabi u laboratorju għat-tfajliet li jispiċċaw mill-istituti.

Mix-xhieda li taw fuqu nies li jafuh, insemmu l-karità li kien jagħti minn butu, u dan bil-moħbi: lill-ħaddiema tal-istituti li kellhom xi ħadd marid; lin-nies li kienu jwaqqfuh fit-triq. Tant kien jagħti karità, ikomplu x-xhieda, li ġieli kellu jitla' bil-mixi minn Santa Venera għall-Imdina għax ma kienx jibqagħlu flus. Wenzu Grixti, is-seftur tal-famija, fix-xhieda tiegħu jgħid li ġieli kien jarah jorqod fl-art għax ikun ta s-saqqu lil xi ħadd.

Imma x'kienet dik il-ħaġa li xprunatu daqshekk għall- imħabba tal-fqar? "Wara l-imħabba ta' Alla...it-tieni dmir kbir tiegħi hu li nħobb 'l-aħwa tiegħi..." Hekk kiteb hu stess fil-ħarġa tal-Almanakk fl-1924.



Membru tal-Kumitat Pro Maltesi Feriti e Morti il 7 e 8 Giugno



Membru tal-Assemblea Nazzjonali (1921)